**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 26 ta' Settembru, 2016

**Il- Pulizija**
**(Spt. Joseph Mercieca)**

**-vs-**

**Omissis**

**Jason Galea detentur tal-Karta tal-Identità 161574M**

Kumpilazzjoni Nru. 868/2011

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati Omissis u Jason Galea talli:

1. Ġewwa l-Belt Valletta, nhar it-18 ta' Sttembru, 2010, għall-ħabta tat-tmienja neqsin kwart ta' filgħodu (7:45am) flimkien ma' persuni oħra, bil-hsieb li jagħmlu delitt u ċjoe serq minn ġewwa l-ħanut Frank Zampa Jewellery sitwat fi Triq Santa Luċija, Valletta, wrew dan il-ħsieb b'atti esterni u taw bidu għall-ezekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volontà taghhom, u li kieku seħħ kien ikun ikkwalifikat, bil-mezz, bil-valur li jaqbeż elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2329.37)u bil-vjolenza fuq il-persuna ta' Francesco Zampa anzjan ta' disgħa u sebgħin (79) sena;
2. Fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, bla ordni skont il-liġi tal-awtorità kompetenti u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, arrestaw, żammu jew issekwestraw lil xi persuna u ċjoe lil Francesco

Zampa minn Valletta kontra l-volontà tiegħu jew taw post biex fih din il-persuna tiġi arrestata, miżmuma jew issekwestrata liema persuna arrestata, miżmuma jew issekwestrata, ġiet offiża fuq il-persuna jew mhedda bil-mewt;

3. Fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi mingħajr il-ħsieb li joqtlu jew li jqiegħdu l-ħajja ta' Francesco Zampa f'periklu ċar, ikkaġunaw offiżi ta' natura gravi fuq il-persuna tal-istess Francesco Zampa minn Valletta;

4. Fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi volontarjament ħassru, għamlu ħsara jew għarrqu ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, liema ħsara taqbeż il-mija u sittax-il euro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (€116.47) iżda mhux elf u mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (€1164.69) u li saret għad-detriment ta' Francesco Zampa;

5. Fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi kellhom fuq il-persuna taghhom xi arma regolari jew munizzjoni jew xi imitazzjoni ta' dawk l-oġġetti filwaqt li kienu qed jagħmlu reat kontra is-sigurtà tal-gvern jew kontra l-persuna (minbarra omiċidju involontarju jew offiża involontarja fuq il-persuna), jew ta' serq jew ħsara fil-proprjetà (minbarra ħsara involontarja fil-proprjetà);

6. Fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi fil-Belt Valletta u f'diversi bnadi oħra f'dawn il-gżejjer żammew f'xi fond jew kelhom fil-pussess taghhom, taħt il-kontroll taghhom jew ġarrew barra minn xi fond, xi arma tan-nar jew munizzjoni elenkati fl-iskeda II tal-Kap 480 mingħajr ma kellu liċenzja taħt l-istess Att;

7. Lil Omissis wahdu talli irrenda ruhu reċidiv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta wara li nstab ħati b'sentenza tal-Qrati ta' Malta liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel.

8. Lil Jason Galea wahdu talli irrenda ruhu reċidiv ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta wara li nstab ħati b'sentenza tal-Qrati ta' Malta liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel

Rat in-nota tal-Avukat Generali tas-7 ta' Mejju, 2013,[1] permezz ta' liema baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub fis-segwenti artikoli:

a) Fl-artikoli 42(d)(e), 41(1)(b), 261(a)(b)(c), 262(1)(a)(b)(2), 263(b), 267, 274(c), 276A, 277(b), 278, 279(b) u 280(2)(3) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
b) Fl-artikoli 42(d)(e), 86, 87(1)(c)(e) u 88 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
c) Fl-artikoli 42(d)(e), 221(1)(2) u 222A(1) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
d) Fl-artikoli 42(d)(e) u 325(1)(b) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
e) Fl-artikoli 42(d)(e), 55(a), 56, 57, 60 u 61 tal-Kap 480 tal-Liġijiet ta' Malta;
f) Fl-artikoli 42(d)(e), 5(1) u 51(2) tal-Kap 480 tal-Liġijiet ta' Malta;
g) Fl-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta; u
h) Fl-artikoli 17, 23, 31 u 533 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

[1] Fol.340

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet ix-xhieda.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Semghet it-trattazzjoni.

Ikkunsidrat

Illi qabel xejn irid jinghad illi ghalkemm din il-kawza tirrigwarda reati li allegatament sehhew fit-18 ta' Settembru, 2010, l-istess kawza giet mismugha minn din il-Qorti, kif diversament presjeduta, u l-ewwel udjenza quddiem din il-Qorti, kif preseduta, giet mizmuma fl-4 ta' Marzu, 2016.

Illi l-imputat jinsab akkuzat b'komplicita` f' hold-up li sehh nhar it-18 ta' Settembru, 2010, kmieni filghodu fuq anzjan, Francesco Zampa. Originarjament l-imputat kien akkuzat flimkien mal-ko-akkuzat l-iehor, Michael Zahra li kien ammetta l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu nhar is-7 ta' Dicembru, 2011.[2]

Illi fl-atti ta' dawn il-proceduri kien gie esebit il-process fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Marcus John Calleja**, Kumpilazzjoni No.972/2010, li gie mmarkat bhala Dok.MM.[3]

Marcus John [Mark] Calleja, li fil-konfront tieghu wkoll kienu ttiehdu proceduri rigward l-istess hold up[4] fejn kien gie akkuzat b'akkuzi identici u wara ammissjoni kien gie kkundannat ghal tlett snin prigunerija,[5] xehed li hu kien fthiem ma certu Michael Zahra (originarjament ko-imputat f'dawn l-atti) u l-imputat, biex jaghmlu serqa. Kienu ltaqaw fil-garaxx tal-imputat Galea gewwa Birzebbugia, u ftehmu kif kellhu jsir dan il-hold up. Il-ftehim milhuq kien li filwaqt li Calleja, Zahra u ragel iehor bl-isem ta' Manuel, kellhom jidhlu fil-hanut, l-imputat kellhu jibqa barra.[6] Calleja jaghti dettalji dwar il-ftehim li kien ntlahaq kif kellha ssehh is-serqa u cioe' billi jidhlu hu u Zahra fil-hanut in kwistjoni u hu, Calleja, izomm *"lil tal-hanut"*, (lil Zampa), filwaqt li Michael Zahra kellu jorbtu u Manuel jkisser il-vettrini

[2] Fol.130

[3] Fol.44; Verbal 11 t'Awissu, 2011

[4] Vide kopja tal-process esebit bhala Dok.MM; L-ewwel Dehra 01/01/2010 wara li kien tressaq b'arrest nhar it-22 ta' Settembru, 2010, erbat ijiem wara li sehh il-hold up. Kawza deciza nhar it-22 ta' Lulju, 2011, fuq ammissjoni.

[5] Fol.55 u Dok. MM fol.193 et seq.

[6] Fol.49

biex jisraq id-deheb. L-irwol tal-imputat kien li kellhu jibqa ghassa mat-tifel ta' Zampa. Jaghti dettalji ta' dak li kellhom jilbsu biex jghammdu wicchom u cioe mkatar maghmulin b'tali mod li jaghttu l-halq u l-imnieher kif ukoll brieret.[7] Jghid li dakinhar tas-serqa li kien is-Sibt, kienu ltaqaw hu u Zahra, hdejn id-Detox Centre fis-6.30am izda wara baqaw diehlin bil-vettura ta' Calleja, Skoda hadra, il-Belt fejn iltaqaw mal-imputat iktar l-isfel mill-hanut ta' Zampa wara li tinzel mit-tarag f'tarf it-triq li tirrizulta hi triq Santa Lucija.

Calleja jghid li kienu Zahra u tal-imputat li ghazlu l-hanut ta' Zampa biex issir is-serqa minnu, ghalkemm lilu kien qallu li kien intghazel dan il-hanut Zahra. Jispjega kif dahhlu fil-hanut armati b'hadida (li ngabet minn Manuel) sabiex biha jitkissru l-vetrini u revolver *'imitation'* li kien ngieb u nzamm minn Zahra.[8] Hu zamm lil Zampa waqt li Manuel qaghad ihares*, look-out*. F'hin minnhom ir-revolver li kien f'basket mizmum minn Manuel, intuza minn Zahra li spara tiri filwaqt li ngahtaw xi xokkijiet lil Zampa.[9] Dak il-hin harbu minn fuq il-post minghajr ma ppruvaw jisirqu id-deheb ghaliex is-serqa giet sfratata *"Kif sema' l-isparatura, l-ewwel wiehed telaq. Ahna ma konniex mifthemin nisparaw u hekk, hu….Wiehed telaq lil hawn lejn il-Qorti u jiena u Michael tlaqna bil-karozza tieghi, inzilna fejn Victoria Gate, ipparkjajna il-karozza…jien wassalt lil Michael…hu mar id-dar tieghu u jien mort lejn id-dar tieghi".*[10] Jixhed kif l-pjan kien li r-rikavat jinqasam bejn erba, u li ma kienx jaf min hu Leli (Manuel) ghax kien ltaqa mieghu dakinhar tas-serqa. In kontro-ezami Calleja jghid li kien hu li talab li jixhed kontra l-imputati Zahra u Galea wara li kien ammetta u xehed fil-proceduri li kienu qed issiru fil-konfront tieghu.[11] Dan kien sehh nhar il-11 ta' Lulju, 2011, xahar qabel id-deposizzjoni odjerna, fejn Calleja kien sussegwentement rregistra ammissjoni ghax kien ghazel li jikkollabora mal-pulizija. Fil-fatt dan gie rifless fil-piena hekk kif tixhed is-sentenza nflitta fuqu a fol.195 tad-Dok. MM.

Altru` li l-Qorti hi konvinta ghall-ahhar mill-kredibilita` ta' Calleja, li tqis li hi *safe and satisfactory.* **Il-verzjoni li jaghti lill-Qorti ssib riflessjoni u kkonferma b'dak li sussegwentement jixhed Frank Zampa, il-parte leza.**

[7] Fol.50
[8] Fol.51
[9] Fol.53
[10] Fol.54
[11] Fol. 189 et seq Dok.MM.

Il-parte leza, Frank Zampa, spjega kif fit-18 ta' Settembru, 2010, ghal xi 7.25am-7.30am, kien fetah il-hanut Frank Zampa Jewellery u hekk kif kien qed jaghmel xi preparamenti ra gejjin, dejjem jersqu lejh, tlett irgiel minnaha ta' Strada Merkanti. Jispjega kif intebah li kienu gejjin ghalih u li hekk kif wasslu madwar 4 jew 5 piedi il-boghod dahhlu it-tlieta li huma fil-bieb li ma kienx wiesgha hafna. Hu mal-ewwel qabad jghajjat ghall-ghajjut izda wiehed mill-aggressuri tah daqqa ta'ponn, u x'hin ma waqax qabdu minn ghonqu u kaxkru. Hu beda jissara maghhom u f'hin minnhom wiehed mill-hallelin *"ntefa' qisu kokka fl-art, kellu zewg basktijiet u beda jiftahom....beda johrog qishom boroz tal-plastik biex jibda jzarma.....Hin minnhom, dak li kien qieghed mal-art resaq vicin izjed tal-bank tieghi u l-iehor li kien hemm l-iehor tefaghli --revolver ma sidri. Jiena xxokkjajt ruhi, u ghidtlu "don't shoot, don't shoot"....ppruvajt nohodlu r-revolver u ma hadtulux. Qbadtlu jdejh bir-revolver b'kollox u dawwartha fuqu u bdejna nissaraw. Pero l-iehor li llum qieghed il-habs* [Calleja] *il-hin jkollu jtini bid-daqqiet, bid-daqqiet li kellu f'idu, kellu qisu lembuba taghti x-xokkijiet. Ghax hin minnhom zgur li tani xokk biha."*[12]

Illi x-xhud jghid li hin minnhom r-*revolver* gie sparat lejh izda x'hin ra li ma kienx hiereg demm intebah li ma kienx *revolver* ta' veru. B'hekk ghamel kuragg u iktar beda jirrezisti u jaghti. Wasslu sa vicin il-bieb ta' barra u Calleja kien pprova jifqa' l-hgiega izda ma rnexxilux ghax il-hgiega tfarket izda ma waqatx u baqghet fil-post. Jghid kif f'din il-kommozzjoni kien hemm madwar 50 ruh li ghalkemm raw x'kien qed jigri ma resqux lejn il-hanut. Izid li hekk kif qam minn mal-art ra tnejn jitilqu jigru lejn Strada Merkanti u l-iehor rega dahal biex jigbor il-basktijiet; ghalkemm ipprova jaqbdu xorta zgiccalhu u hu kien anke prova jigbed anke in-nuccali ta' wiehed mill-aggessuri.

Illi Zampa jghid li dakinhar li sehhet l-aggressjoni huwa kellu 79 sena. Il-hsara kienet dik subita fuq il-hgiega li giet mibdula minn ibnu. Jikkonferma li kien a**ghraf lil Calleja meta kien mar il-kwartieri tal-Pulizija u fl-awla ddentifika lil ko-akkuzat Michael Zahra bhala dak li kien dahal bil-basktijiet f'idu.**[13] Ghalkemm mhux mija fil-mija cert jixhed li jahseb li kien jghaddi ta' spiss minn quddiem il-hanut tieghu u sahansitra gurnata qabel l-attentat kien ukoll dahal jiskandalja fil-hanut bi skuza li ried jixtri curkett tat-tfal. Dakinhar kien dahal *"bir-reverse...b'dahru lura...u beda jhares il-*

---

[12] Fol.60-61. Vide ukoll xhide a ta' Zampa lill-Perit Tekniku Joseph Cordina, Dok. JCP1 fl-atti Il-Pulizija vs Marcus John Calleja esebit bhala Dok. MM
[13] Fol.63

*fuq.... wiccu ...beda jahbih minni. Pero wiccu rajtulu, u nxebbhu lil dan, pero` dakinhar li dahlu t-tleta (3), l-ghada, kien hu."*[14] Dwar l-imputat Galea jghid li dan kien klijent tieghu. In kontro-ezami jiddikjara li aghraf lil Zahra meta xi jiem qabel kien gie akkuzat flimkien mal-imputat quddiem il-Qorti. Lill-imputat jeskludi li aghrfu fuq il-post u dan ghax kien diga jafu ghax kien klijent tieghu. Jiddeskrivi li kellhom wicchom mghotti permezz ta' maktur mitwi f'forma ta' *triangle* li kien jghatti il-halq u l-imnieher, izda meta bdew jissaraw mieghu kien waqa'.

Dan ifakkar lil-Qorti f'dak li xehed Calleja meta qal li libsu bhal scarfs *"Qorti: Bhal tal-cowboys nghidilha jiena? Xhud: Ezatt"*[15] Fil-fatt bix-xhieda tieghu Zampa effetivament jkompli jsahhah dak li xehed Calleja fejn kien qal li Manuel baqa jhares fuq barra u kien ghalhekk li Zampa aghraf lil Calleja u lil Zahra bhala dwak li kienu dahlu gewwa l-hanut. Hemm qbil ukoll dwar dak li xehed Calleja dwar min hareg bl-idea li jinsteraq il-hanut ta' Zampa - kemm Galea kif ukoll Zahra kienu familjari mal-istess hanut. Korroborazzjoni ohra hija dwar l-armi li ntuzaw fejn Calleja jsemmi li kien ittiehdu fuq il-post pistola li kien *imitation* kif ukoll hadida izda jidher li dak li Calleja haseb kienet semplicement hadida, rrizultat kienet tip ta' *stun gun*. Fix-xhieda tieghu Calleja ukoll jixhed li *"Jien kellhi flok blu skur...kellhi bhal x'jisimha ...Scarf...U kelli nuccali u beritta."*[16].

Illi l-pulizija kienet gabret numru ta' CCTV recordings fosthom minghand Azzopardi Jewellers, [17] fejn stills mehuda minn fuq dan ir-recording juru zewg persuni jigru lejn Triq San Pawl.[18] Calleja kien anke indika li hu u Zahra *"..inzilna fejn Victoria Gate...".*[19] Ir-ritratti juru persuni liebsin beritta b'dak li jidher a fol.98 kjarament ukoll liebes xi tip ta maktur li hu mnizzel ma ghonqu. Wiehed jiftajar dak li xehed Calleja meta qal li kollha kemm huma kellhom jilbsu ilbies simili- a fol.51 kien qal *"L-ohrajn bhali kienu liebsin hu."*. Fil-fatt ir-ritratti esebiti a fol. 95 u 96 (l-ewwel ritratt) juru persuna maskili ohra bi scarf imnizzel mal-ghonq, flokk blu skur, nuccali u *baseball cap*. Ir-ritratti a fol. 97A-98 kjarament jindikaw li din hi triq f'niezla bit-tarag li minnha niezlin zewg irgiel liebsin brieret u fejn wiejed minnhom kien qed izomm oggett li jixbah hadida! Zampa kien gharaf lil Calleja bhala dak li tax xokkijiet bil-hadida u Calleja innifsu jghid li niezlu l-

[14] Fol.63-64
[15] Fol.51
[16] Fol.50
[17] Xhieda Spett. J. Mercieca Fol.225 u Xhieda Spettur Daniel Zammit fol.302 et seq. Vide Xhieda Spettur James Grech fol.153 Dok.MM
[18] Fol.91. Vide Dok. JM3 fol.232
[19] Fol.54

isfel fejn kien ipparkja il-vettura tieghu. Id-direzzjoni li hadu l-aggressuri fil-fatt ukoll tigi kkonfermata minn Zampa meta jghid *"...tnejn (2) telqu ghal Strada Merkanti u l-iehor dahal jigri u dhalt nigri warajh biex jaqbad il-basktijiet..."*[20]. Dwar dan ma jridx jintnesa dak li xehed Calleja meta stqarr li wara li giet sfrattata s-serqa, Manuel kien gibed lejn id-direzzjoni tal-Qorti[21] (fil-fatt l-istills juru zewg persuni biss niezlin fl-istess direzzjoni), kif ukoll meta dan kien qal li kien Manuel li gab xi basktijiet mieghu *"Pros: Il-basket ta min, li kellu Leli? Xhud: Ehe, Leli"*.[22]

L-Ispettur Investigattiv Daniel Zammit xehed ukoll kif, fuq informazzjoni kunfidenzjali li ngahtat lill-Pulizija l-ghada tal-attentat, persuna b'ilbies iswed intlemhet tipparkja Skoda ta' kulur ahdar car hekk kif tinzel minn Triq Santa Lucija, hdejn Victoria Gate. *"...u wara xi kwarta, dawn it-tlieta minn nies li kienu fil-karozza, fosthom il-persuna li kienet libsa kollox iswed u persuna li kienet liebsa flokk blu u persuna ohra maghhom, wiehed minn dawn kellhu arma tan-nar f'idu, rathom diehlin go din il-karozza u telqu minn hemmhekk. Ahna konna ghamilna l-inquiries taghna mal-kumpanija li tmexxi is-CVA u rrizulta li din l-karozza Skoda 120L dak il-hin, f'dawk il-hinijiet ta' dak l-incident filghodu kienet dahhlet wahda biss...u fil-fatt din kellha n-numru tar-registrazzjoni IAA-315....dahhlet gewwa l-Belt fis-7.34 ta' filghodu."*[23] Fil-process Dok. MM vide xhieda tal-Inginier Keith Sacco a fol. 74 et seq.

Illi kien ghalhekk li l-pulizija kienet wasslet sabiex takkuza lil Marcus John (Mark) Calleja b'reati identici ghal dawk li gew akkuzati bihom l-imputat u Zahra f'dawn il-proceduri, u dan wara li Zampa kien iddentifikah bhala wiehed mill-aggessuri.

Illi Renato Zampa, bin il-parte leza, xehed li l-ammont tal-gojellerija li kien hemm fil-hanut dakinhar tas-serqa kien ta' mitejn elf Liri Maltin.[24]

Illi jibqa l-fatt li **huwa Marcus Calleja biss li jimplika lill-imputat f'din is-serqa.** Il-Qorti ghalhekk tistaqsi, kemm hi *safe and satisfactory* ix-xhieda ta' Calleja? Tista din ix-xhieda wahedha twassal ghal kundanna fil-konfront ta' l-imputat? Il-Qorti ma tarax ghal fejn ma ghandhiex taghti kreddibilita` shiha lil Calleja fejn il-verzjoni moghtija minnu ma tiskontra ebda kontradizzjoni minn Zampa ghal dak li jirrigwarda d-dettalji ta' x'sehh fil-

[20] Fol.61
[21] Fol.54
[22] Fol.53
[23] Fol.303-304
[24] Fol.315

mument tal-aggressjoni u l-harba minn fuq il-post. Ma kien hemm ebda raguni ghaliex Calleja kellhu jimplika lill-imputat. Jinghad ukoll li l-imputat sa minn meta nghatat id-deposizzjoni tieghu (Calleja) f'Awissu 2011, kif irrizulta aktar il-quddiem, qatt ma inizja xi proceduri fil-konfront ta' Calleja ghal kalunnja jew spergur.

Illi Calleja kien ko-akkuzat u sakemm kienu pendenti l-proceduri fil-konfront tieghu x-xhieda tigehu kienet tkun wahda inammissibli. "Illi dana il-principju johrog minn applikazzjoni *a contrario senso* ta' dak li jistabbilixxi l-artikolu 636(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta li gie interpretat mill-qrati taghna fis-sens illi x-xhieda ta' ko-akkuzat, anke jekk ikun ghaddej proceduri kriminali separati hija inammissibbli ***u dana sakemm l-proceduri tieghu ma ighaddux in gudikat, meta imbaghad huwa isir xhud kompetenti***."[25]

Kif intqal aktar il-fuq, Calleja xehed f'dawn il-proceduri fil-11 t'Awissu, 2011, wara li fil-11 ta' Lulju, 2011 fuq ammissjoni, kien instab hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tigehu u kkundannat ghal tlett snin prigunerija. Altru' li l-proceduri kienu ghaddew in gudikat u ghaldaqstant ix-xhieda tieghu hija ammissibli u dan fuq skorta ta' diversi sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali. Fil-kawza **Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Zammit et** (App.Krim. 31/07/1998) gie deciz:

"Persuna li tkun akkuzata, kemm bhala komplici, kif ukoll bhala ko-awtur, bl-istess reat migjub kontra akkuzat iehor ma tistax tingieb bhala xhud favur jew kontra dak l-akkuzat l-iehor sakemm il-kaz taghha ma jkunx gie definittivament deciz. Dana il-principju japplika sia jekk dik il-persuna tkun akkuzata fl-istess kawza ta' l-akkuzat l-iehor – b'mod li jiun hemm ko-akkuzat fil-veru sens tal-kelma – u sia jekk tkun giet akkuzata fi proceduri separati. Fi kliem il-kompjant Imhallef William Harding:

*Maltese law, in fact, section 632, Chapter 12* (illum 636, Kap.9), *considers as incompetent to give evidence (except, of course, on his own behalf) anyone charged with the same offence in respect of which his deposition is required, unless the proceedings against him are put an end to ....* (**P vs Alfred W. Luck et** App.Krim 25/04/1949).".[26]

Illi fis-sentenza tal-istess Qorti diversament preseduta, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs – omissis- Saada Sammut**[27] intqal:

"Illi l-posizzjoni korretta hija li jghidu x'ighidu ko-imputati jew ko-akkuzati kontra xulxin qatt ma jista jiswa bhala prova kontra l-ko-imputat/i jew ko-akkuzat/i iehor jew ohrajn. Din ir-regola giet sahansitra interpretata w estiza mill-gurisprudenza biex anki tkopri kazijiet fejn il-persuni li jkunu akkuzati bl-istess reat imma fi proceduri separati lanqas ma jkunu producibbli kontra xulxin, hlief meta l-process tax-xhud ikun gie deciz definittivament. .....

---

[25] Il-Pulizija vs Grazio Mercieca, 19.04.2012, Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali; Magistrat Dr Edwina Grima
[26] Ara ukoll App.Krim. Il-Pulizija vs *omissis* Jeremy Farrugia deciza fit-23 ta' Mejju 2001 (per Prim'Imhallef Vincent Degaetano)
[27] App.Krim. 16/11/2006 per Imhallef Joseph Galea Debono.

Hekk di fatti kien gie ritenut mill-Qorti Kriminali b'digriet tat-22 ta' Dicembru 1998 fil-kawza **"Ir-Repubblika ta' Malta vs Ian Farrugia."** Dik il-Qorti, f'dak id-Digriet, wara li ghamlet referenza ghall-gurisprudenza hemm iccitata, rriteniet li persuna li tkun akkuzata kemm bhala komplici kif ukoll bhala ko-awtur, bl-istess reat migjub kontra dak l-akkuzat l-iehor ma tistax tingieb bhala xhud favur jew kontra dak l-akkuzat l-iehor sakemm il-kax taghha ma jkunx gie defittivament deciz u li dan il-principju japplika sija jekk dik il-persuna tkun giet akkuzata fl-istess kawza tal-akkuzat l-iehor – b'mod li jkun hemm "ko-akkuzati" fil-veru sens tal-kelma – u sija jekk tkun akkuzata fi proceduri separati. Il-bazi ta' dan il-principju hu l-argument "a contrario sensu" li jitnissel mill-paragrafu (b) tal-Artikolu 636 tal-Kodici Kriminali. Konsegwentement dik il-Qorti kienet iddecidiet li dak ix-xhud li kien akkuzat bhala ko-awtur bl-istess reat li bih l-akkuzat kien jinsab akkuzat, ma hux kompetenti li jixhed, qabel ma l-kaz tieghu ighaddi in gudikat (Ara ukoll fl-istess sens Digriet tal-Qorti Kriminali fil-kawza **"Ir-Repubblika ta' Malta vs Brian Vella"** (4.2.2004) u ohrajn) L-uniku eccezzjoni ghal dir-regola hi proprju dik kontenuta fl-art.636(b) li tirrendi tali xhud kompetenti biex jixhed ghalkemm ikun imputat tal-istess reat li fuqu tkun mehtiega x-xhieda tieghu, meta l-Gvern ikun weghdu jew tah l-impunita' sabiex hekk ikun jista' jixhed."

Illi inoltre` l-artikolu 638(2) tal-Kodici Kriminali jipprovdi li x-xhieda ta' xhud wiehed biss, jekk emmnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt, hija bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie ippruvat minn zewg xhieda jew aktar. Illi riferenza sejra ssir ghad-decizjoni moghtija fil-31 ta' Ottubru, 2013, fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. John Pace,** fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

"Ma hemm xejn hazin illi l-Qorti tistrih fuq xhud wiehed biss kif del resto hija ntitolata li taghmel permezz ta' l-Artiklu 638(2) tal-Kapitolu 9. Dan l-Artiklu jghid illi xhud wiehed jekk emmnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt hija bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie ppruvat minn zewg xhieda jew aktar. Naturalment din ix-xhud tkun trid tigi evalwata fil-kuntest tal-linji gwida moghtija mill-Artiklu 637 tal-Kapitolu 9".

Illi abbazi ta' dan kollu l-Qorti hija tal-fehma illi **x-xhieda ta' Calleja wahedha f'dana il-kaz tal-komplici hija *safe and satisfactory* u sufficjenti ghal sejbien ta' htija fil-konfront ta' l-imputat lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni**.

Dr Michael Spiteri xehed li l-parte leza kienet soffriet ferita fuq haddejn tax-xellug, li fuq investigazzjonijiet ulterjuri rrizulta li kienet kompattibli ma arma tan-nar sparata mill-vicin peress li kien hemm tattooing, residues embedded fil-gilda.[28] Il-griehi kienu gew iccertifikati bhala hfief. Calleja kien xehed *"U Michael bir-revolver….Hu, Hu blank kien, spara bullets blank."*[29]Fil-medical file tal-parte leza jirrzulta *"gun shot close to face"*[30] u Dr Jonathan Joslin jikkonferma li l-offizi kienu hfief.[31] Dwar l-offizi subiti mill-parte leza jixhed ukoll Dr Mario Scerri fejn dan sab li l-lezjonijiet subiti

[28] Fol.132-3
[29] Fol.53
[30] Fol.136
[31] Fol.271

setghu jibqghu permanenti fuq il-wicc[32] izda meta gie riprodott xehed li ma kienx baqa' marki permanenti.[33]

Illi WPC191 tixhed li l-imputat Galea ma kellhu ebda licenzja dwar armi registrata fuq ismu.[34] L-esperti ballistici jikkonfermaw li fuq il-post tad-delitt kien instab skartocc u kkonkludew li l-hallelin ippruvaw jisparaw qabel izda l-arma kellha 'stoppage' u ghalhekk kien instab dak l-iskartocc ikkargat fuq il-post. *"Wara regghet sehhet sparatura u din id-darba l-iskartocc sparat ma giex ejected u baqa' fil-pistola."*[35] Dan jaqbel ma dak li jixhed kemm Calleja kif ukoll Zampa meta dan tal-ahhar anke jghid li seghu gew sparati aktar minn tir wiehed.[36]

Illi l-imputat Jason Galea ghazel li jixhed u iddikjara li dak inhar li sehhet is-serqa hu kien qed jarma hanut ta' bintu gewwa Birzebbuga, flimkien ma huh Charlie Galea. Sar jaf bit-tentattiv tas-serqa minghand Zampa, li fi kliemu kien ilu snin patruccjan tieghu u *"xtrajna b'eluf kbar ta' Liri deheb minghandu."* filghaxija mill-ahbarijiet. Il-Qorti tqis li konvinta li kien ghalhekk li Galea ma ressaqx lejn il-hanut u dan ghax seta' jintaghraf mill-parte leza. L-imputat jghid li kien gie akkuzat b'din l-aggressjoni ghax kien implikah Mario Camilleri maghruf bhala "l-Imniehru", li kien mizzewweg lil Mona li tigi oht l-imputat. Skond hu dan kien ghamel hekk ghax fiz-zmien li Mario kien il-Habs kien hemm ukoll il-habs Marcus Calleja. Jibqa izda ma jaghti ebda raguni, imqarr remota, ghaliex Calleja kellu jivvinta storja fuqu! In kontro-ezami l-imputat jiddikjara li minn meta kien xehed kontra tieghu Calleja, lanqas qatt ma rah izjed. Jikkonferma ukoll li qatt ma rraporta lill-Pulizija li kien hemm minn kien qed jipprova jimplikah intortament.

**Il-Qorti tqis li l-verzjoni tal-imputat ma hi xejn kreddibli u hija nieqsa minn kull element ta' verita` jew korroborazzjoni mqarr sal-grad tal-possibbli.** Certament ma ghandhiex mis-sewwa hekk kif jintwera meta l-imputat ma jistax jispjega ghaliex hu gie implikat intortament minn Mario Camilleri meta effettivament ma kienx Camilleri izda Calleja li kien implikah. Lanqas seta' jaghti spjegazzjoni ghaliex naqas li jiehu azzjoni kemm fil-konfront ta' Calleja - (li jekk veru kien innocenti seta' facilment jiehu proceduri legali fil-konfront tieghu ghal kalunja, falza denunzja jew spergur) - u lanqas ma jirrizulta li kien indika lill-pulizija anke fl-istadju tal-

[32] Fol.32 tal-Proces Verbal
[33] Fol.327
[34] Fol.141
[35] Fol.165 et seq
[36] Fol.61- *" …jisimghu t-tir, jekk mhux, wiehed zgur, tnejn ma nafx".*

investigazzjoni li kien qed jigi implikat intortament! Persuna innocenti taghmel minn kollox sabiex tnaddaf isimha u certament ma tibqax passiva meta rinfaccjata b'akkuzi tant gravi u serjissimi! Calleja xehed fil-2011 izda Galea jsemmi din l-allegazzjoni ghall-ewwel darba fix-xhieda tieghu fl-2015! Lanqas ma gie muri li ohtu Mona, li skond hu avvzat lill-zewgha biex lill-huha ma jdahhlux f'inkwiet u dan wara telefonata li jghid li dina rcievet minghand zewgha mill-habs, kienet hadet xi passi sabiex tghin lill-huha, hekk kif lanqas ma ttelghet tixhed Mona sabiex tikkonferma dak li xehed dwarha l-imputat a fol. 348!

Illi xehed ukoll hu l-imputat Charles Galea li qal li kien hemm zmien, ghakemm ma jiftakarx meta, li kien imur jghin lill-imputat jaghmlu xoghlijiet fil-hanut ta' bint l-imputat li kien jinsab bieb ma bieb mar-residenza tal-imputat. Wiehed hawn jiftakar li Calleja, meta xehed, kien qal li kienu ltaqaw ghand l-imputat mhux fir-residenza tieghu izda gol-garaxx li jiddeskrivih il-hanut!! *"Qorti: Fid-dar ta' Jason jigifieri? Xhud: Le mhux id-dar, gol-hanut, gol-garaxx"*[37] Certament dawn huma partikolaritajiet li difficli wiehed jemmen li kien iffabrikhom Mario Camilleri sabiex ihammeg lill-imputat u dan minn gewwa l-Habs! **Il-fatti juru li Calleja kien jaf b'dan ghall-unika raguni li hu kien prezenti meta sehhew l-avvenimenti li xehed dwarhom inkluz l-involviment tal-imputat.**

Isiru bosta mistoqsijiet mid-difiza lil Charles Galea li kienu ntizi sabiex jigi ppruvat li dakinhar li sehhet is-serqa, hu flimkien mal-imputat, kienu flimkien jaghmlu xi xoghlijiet. Dan izda jibqa ma jirrizultax ghax Charles Galea kull ma jiftakar kien li s-serqa ssemmiet mal-imputat f'gurnata li kienet is-Sibt u ftakar dan ghax nhar ta' Sibt kienu johorgu flimkien. Jaghmilha cara anke fuq domanda tal-Qorti li ma jistax jippreciza meta kien sema bis-serqa: *"Qorti: Ara li qed tipprova tghid igifieri li dakinhar stess tal-holdup filghaxija rajtuh fuq l-inews? Xhud: Le ghidtlu li serqu lil Zampa issa serquh is-Sibt u serquh gimghatejn ilu ma nafx…."*[38]

Ghalhekk Chales Galea jiftakar biss li dakinhar li kien sema' bis-serqa filghodu kien qed jaghmel xi xoghlijiet ma huh izda kif gja ntqal hu jibqa ma jippreciżax meta sar jaf dwarha: *"Spettur: Tiftakar meta gara dan lincident? Xhud: Le ma niftakarx niftajar ghax konna ntqajna s-Sibt."*[39]. Fil-fatt lanqas ma jaf jekk kienx semmiehilu hu jew vice versa u ghalhekk lanqas ma jaghti taghrif dwar kif u minn fejn sar jaf biha *"U jew jiena jew hu filghaxija konna*

[37] Fol.49
[38] Fol.358
[39] Fol.361

*qed nitkellmu s-Sibt filghaxija u ghidtlu jew jiena jew hu, ghax ma niftakarx, ghidtlu taf li serqu lil Zampa? Qalli smajt xi haga, jew jien ghidtlu hekk, dik il-bicca xoghol."*[40]

Illi xehdet mart Jason Galea li tghid li dakinhar li kienet semghet fuq l-ahbarijiet dwar is-serqa, kienet tnizzel lil Jason u lil Charles Galea xi kafe` u toast. Dan kien ikun ghal xi 7.30 am jew 7.45am u fil-fatt dan jaqbel perfettament ma dak li jghid l-imputat li jindika precizament il-hinijiet tas-serqa hekk kif jidher anke mill-stills esebiti: *"ghal xi s-sebgha u nofs it-tmienja nieqes kwart ...bhas-soltu dejjem tnizzlilna xi café u toast u tara jekk ghandhix bzonn xi haga, u toqghod tpejjep sigarett hdejna imbaghad titla' tkompli xogholha d-dar..."*[41]. Mumenti qabel izda mart l-imputat tikkontradici ruha dwar dan ghax fuq domanda tal-Qorti jekk kienitx semghet l-ahbarijiet tad-disgha ta' filghodu pronta tghid: ***"Le fis-sitta ta' filghaxija kien. Filghodu qas inkun imqajjma daqshekk kmieni".***[42] Kummenti ulterjuri dwar il-veracita` o meno tad-deposizzjoni ta' mart l-imputat huma superfluwi.

Illi sabiex din il-Qorti tista' tiddettermina l-htija tal-imputat irid jittiehed in konsiderazzjoni dak li jipprovdi l-artiklu 45 tal-Kodici Kriminali:

**45.** Meta żewġ persuni jew aktar jieħdu sehem f'delitt, kull att magħmul minn waħda minnhom, sew jekk din tkun awtur jew kompliċi, u li jkun jagħmel iżjed gravi d-delitt, hu imputabbli biss -
(*a*) lill-persuna li tagħmel l-att;
(*b*) lill-persuna li kienet taf bl-att minn qabel ma sar; u
(*ċ*) lill-persuna li, għad li kienet taf bl-att fil-waqt li kien qiegħed isir, u għad li kienet tista' timpedih, ħallietu jsir.

Illi jirrizulta mix-xhieda ta' Calleja li l-ftehim mal-imputat u l-komplici l-ohra kien li jsir hold-up fejn hu u Zahra jidhlu fil-hanut u filwaqt li Calleja jzomm lil Zampa, Zahra kellhu l-inkarigu li jorbtu, mentri Manwel ikisser il-vettrina u jiehu d-deheb, bl-imputat jibqa ghassa fuq bin Zampa[43] Mill-atti ma jirrizultax l-imputat kien konsapevoli tal-fatt li kienet ser tittiehed xi pistola: "*Pros: U min gabhom dawn, il-hadida u l-pistola? Huma....r-revolver ghandu jkun gabu Michael u l-hadida...Manuel ehe."*[44] Jzid *"Ahna ma konniex miftehmin nisparaw u hekk, hu."*[45] Wiehed jiftakar li Calleja kien qal ukoll li ltaqa ma Jason fit-triq hekk kif tinzel mit-tarag ta' Triq Santa Lucija ghax

[40] Fol.357
[41] Fol.344
[42] Fol.367
[43] Fol.50
[44] Fol.51
[45] Fo.54

kien dahal il-Belt ma Michael Zahra. **<u>Dan ifisser li ma tezisti l-ebda prova li l-imputat kien konsapevoli tal-fatt li kienet qed tingarr arma jew li kellha issir xi forma ta' offiza fuq il-parte leza</u>.** Ghalhekk certament l-imputat ma jinkwadra fl-ebda cirkostanza prevista bl-artiklu 45 tal-Kodici Kriminali dwar il-pussess u garr tal-arma u dwar l-offiza fuq il-persuna ta' Zampa. Ghalhekk l-imputat qed jigi liberat mit-tielet, mill-hames u mis-sitt imputazzjonijiet.

Illi mill-atti processwali u mill-provi prodotti din il-Qorti qed issib htija fuq l-ewwel, it-tieni u r-raba imputazzjoni.

Illi dwar il-hsara subita Frank Zampa jixhed li kien ibnu Renato li kien biddel il-hgiega mkissra. Edward Licari kien xehed fil-proceduri fil-konfront ta' Marcus Calleja, li huma esebiti in atti, u kien esebixxa ricevuta ghall-€29.50.[46]

Illi fl-atti giet ezebita sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali datata t-22 ta' Jannar, 2010, fil-konfront tal-imputat. Jirrizulta li l-konnotati tal-imputat f'dik is-sentenza huma identici ghall-konnotati ta' l-imputat odjern. Ghaldaqstant qed tinstab htija anke fuq it-tmien imputazzjoni.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti wara li rat l-artikoli 17, 31, 41(1)(b), 42(d)(e), 49, 50, 86, 87(1)(c)(e), 261(a)(b)(c), 262(1)(a)(b)(2), 263(b), 267, 275, 276A, 277(b), 278, 279(b), 280(2)(3) u 325(1)(c)[47] tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, issib lill-imputat Jason Galea hati tal-ewwel, it-tieni, ir-raba, is-seba u t-tmien imputazzjoni, tilliberah mill-kumplament, u tikkundannah ghal sitt snin u sitt xhur prigunerija.

Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba ghall-hlas tal-esperti billi jirrizulta li Marcus John Calleja, permezz tas-sentenza tal-11 ta' Lulju, 2011, kien gie kkundannat ihallas l-ispejjez peritali fl-intjier taghhom.[48]

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**

[46] Dok.MM, Fol.60
[47] Dan l-artikolu kien gie emendat bl-AttXXIV tal-2014.
[48] Dok.MM; Fol.195